MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 620/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd et.**

**Vs**

**Mario Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-atturi li talbu li l-konvenut jigi kkundannat seba' mija u sitta u erbghin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm746.21c) in kwantu ghas-somma ta' seba mija u erba u tletin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm734.71c) bhala danni kkagunati fil-vettura tal-attur Joseph Zahra, hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (LM11.50c) prezz ta' survey u dan b'rizultat ta' l-incident stradali li sehh fis-26 ta' April, 2003 fil-Fgura, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura HAB-719 ta' proprjeta' tieghu stess u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BNA-003 proprjeta' tal-attur Joseph Zahra u misjuqa minn David Zahra ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba

imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta tal-konvenut li jammetti li huwa kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku meta habat mal-vettura proprjeta' ta' l-attur Joseph Zahra, izda jsostni li parti sostanzjali mill-hsarat reklamati mill-attur effettivament kienet antecedenti ghall-incident de quo u ghalhekk il-konvenut m'ghandux ibaghti l-ispejjes.

Ra x-xhieda ta' David Debono li jokkupa l-kariga ta' claims manager mas-socjeta' attrici. Jghid li fis-26 ta' April, 2003, sehh incident il-Fgura bejn il-vettura tal-assikurat taghhom b'numru ta' registrazzjoni BNA-003 mal-vettura HAB-719. Jaccenna ghal fatt li l-assikurat kellu polza "fully comprehensive", u wara l-incident hallas hamsa u ghoxrin Maltin (Lm25).

Jghid li l-ammont tad-danni ghandu jkun dak ta' tmien mija u seba u ghoxrin Lira Maltija (Lm827).

Ra x-xhieda ta' Joe Buttigieg li jispjega illi fit-23 ta' Lulju, 2003 gie mitlub jaghmel survey fuq il-vettura BNA-003. Jikkonferma li r-ritratti li esebixxa u li hadhom hu stess. Hu kkonstata illi l-hsara kienet principalment fuq il-bieba ta' wara, tant li kellhom jinbiddlu l-parts. Kien hemm ukoll hsara fil-faccata taht il-bumpers, fuq wara.

Ix-xhud jghid li jista' jikkonferma li d-daqqa li kien ra kienet biss wahda minn wara. Jghid li zgur li ma kienx hemm daqqiet ohra.

Il- "pre-accident value" tal-vettura tal-attur kien ta' xi tlett elef Lira Matija (Lm3,000).

Ra x-xhieda ta' David Zahra, li jispjega li fis-26 ta' April, 2003, kien qed isuq il-vettura BNA-003 Mazda Bongo, meta kien wieqaf lejn il-lights fejn il-gallerija tal-Fgura, gie van minn wara u tah daqqa fuq wara.

Bhala hsara x-xhud isemmi tkaxkira mal-genb fuq in-naha tal-lemin. Jghid illi fejn ha d-daqqa ma kellux hsara ohra.

Jispjega li l-vettura li kien habat go fiha kienet Mitsubishi Pajero li fuq in-naha ta' quddiem kellha "bull bar".

Ix-xhud jispjega wkoll illi dejjem saq il-vettura hu stess u fi tlett xhur sakemm gie s-surveyor, ma kellux incidenti bill-vann.

Ra x-xhieda ta' Joseph Zahra li huwa l-proprjetarju tal-vettura BNA-003 li kienet involuta f'incident tat-traffiku. Jghid li dakinhar tal-incident ibnu kien qed isuq il-vettura.

Ix-xhud jikkonferma li hu kien inxurjat "fully comprehensive" u wara li ghamel "claim" l-insurance hallset kollox.  Jghid li hu hallas hamsa u ghoxrin lira (Lm25) excess u ssurroga fid-drittijiet tieghu lis-socjeta' attrici.

Ix-xhud jikkonferma li qabel il-habta il-vettura tieghu ma kelliex hsarat.

Ra x-xhieda tal-konvenut Mario Grech li kkonferma li kien qed isuq il-vettura li ggib numru ta' registrazzjoni HAV 719. Jispjega illi kien gej mid-direzzjoni ta' Rahal Gdid u kien wasal il-Fgura, hdejn il-gallarija. Kien diga' hareg fil-main road tal-Fgura meta habta u sabta sab il-vettura quddiemu. Ighid li bl-incident ma tantx ghamel hsara lill-vettura l-ohra, pero' jghid li l-vettura li habat go fiha ma kienitx fi stat tajjeb, ghaliex kienet ukoll imtaqqba bis-sadid, tant li lanqas kienet tajba ghat-triq.

Ighid li t-tiswijiet li ghamel is-sid tal-vettura li habat go fiha, ma kienux relatati mal-hsarat li kkaguna bl-incident., ghaliex ftit li xejn kellu hsara u ghalhekk meta is-sid qed jitlob erba' mija u hamsin lira Maltin  (Lm450) ghall-bieba u spejjes talli isprejja l-vettura tieghu kollha, il-konvenut qed jopponi.

Il-konvenut ikompli jispjega illi kienu imlew il-front to rear u il-parti fejn kienet tikkoncerna lil David Zahra u cioe' dak li habat mieghu dan imlieh hu, filwaqt hu mela dik il-parti li tikkoncerna l-indirizz tieghu. Ighid pero' li fejn hemm indikati l-hsarat ma kienx imlihom hu. Jikkonferma li kellu

l-hsara fl-ispoiler u dak li kien hemm indikat fil-front to rear. Ighid li jista' jkun li hu mela l-parti tal-hsarat.

Ighid li ix-xibka u l-bonnet ma kellhomx hsara.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Il-konvenut jecepixxi illi ghalkemm kien responsabbli ghall-incident, pero' parti sostanzjali tad-danni kienu rizultat ta' incident li sehh antecedenti ghall-incident mertu tal-kawza.

Ir-responsabbilita' ghalhekk giet stabbilita' la darba hemm ammissjoni da parti tal-konvenut.

Jifdal jigi stabbilit jekk kienx hemm incident antecedenti li halla hsarat fil-vettura de quo, kif ukoll f' hiex jikkonsistu d-danni realistikament.

Id-danni ghalkemm fl-avviz jidhru bhala ammontanti ghas-somma ta' seba' mija sitta u erbghin lira, wiehed u ghoxrin centezmu (Lm746.21), pero' x-xhud David Debono, in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici, jixhed li effettivament l-ammont huwa ta' tmien mija seba' u ghoxrin lira Maltin (Lm827).

Is-surveyor imqabbad mis-socjeta' attrici eskluda kompletament li seta' kien hemm incident antecedenti li irrizulta fi hsarat fil-vettura de quo qabel l-incident in dizamina. Jghid li ra daqqa wahda biss.

Bhala hsara kkonstata illi kien hemm hsara kbira fil-bieba ta' wara kif ukoll fil-faccata taht il-bumper. Jghid ukoll li l-hsara tant kienet kbira li kellu jordna l-bdil tal-parts.

L-attur Joseph Zahra jikkonferma wkoll illi hu ma kellux incident iehor, hlief ghal dak mertu tal-kawza.

Il-konvenut da parti tieghu huwa inkonsistenti fix-xhieda ghaliex ighid li ma kienx hemm hsara fil-bonnet u x-xibka

tal-vettura tieghu, filwaqt li fl-istess nifs ighid li jikkonferma l-hsarat li gew indikati fil-front- to-rear. Ighid ukoll li David Zahra qed jitlob danni eccessivi milli kien hemm, pero; ma gab l-ebda prova biex jikkonvinci lit-Tribunal li kien hemm danni antecedenti ghall-incident u fuq kollox dan il-punt gie sorvolat mis-surveyor li eskluda ghal kollox din il-possibilita'.

B'hekk, minhabba li l-istess dokument tal-front-to-rear a fol,37 tal-process, jindika l-hsarat li kien hemm u dawn jikkombacu ma' dak li qal is-surveyor, it-Tribunal huwa propens li jaccetta dawk il-hsarat hekk indikati bhala danni.

B'hekk, billi il-quantum tad-danni jinsab sufficjentement pruvat, it-Tribunal jikkonferma l-ammont mitlub u kif korrett mix-xhud David Debono u cioe' s-somma ta' tmien mija, seba' u ghoxrin lira Maltin (Lm827), li jikkonsistu fi hdax il-Lira u hamsin centezmu (Lm11.50c) bhala spejjes tas-survey u tmien mija u sittax il-Lira Maltija u tmientax il-centezmu (Lm816.18c) bhala danni.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------